2024/3196

19.12.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3196

tat-18 ta' Diċembru 2024

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-weraq tar-ravanell

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw il-livelli massimi ta' residwu ("MRLs", maximum residue levels) tal-pestiċidi stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/62 ([2]) introduċa entrata ġdida għall-"weraq tar-ravanell" fl-Anness I, il-Parti B, tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, bħala prodott li għalih kellhom japplikaw l-istess MRLs li japplikaw għall-"kaboċċi ('kales')". Wara li waslet informazzjoni li tissuġġerixxi li l-MRLs għall-kaboċċi ("kales") jistgħu ma jkunux adattati għall-weraq tar-ravanell fil-każijiet kollha u li kienu meħtieġa provi speċifiċi tar-residwi fuq il-weraq tar-ravanell biex jiġu kkonfermati l-MRLs xierqa, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1049 ([3]) ippreveda perjodu tranżitorju qabel ma dawk l-MRLs isiru applikabbli għall-"weraq tar-ravanell" sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġbru d-*data* meħtieġa dwar jekk l-MRLs għall-"kaboċċi ('kales')" humiex xierqa biex jiġu applikati għall-"weraq tar-ravanell". Dak il-perjodu mbagħad ġie estiż sal-1 ta' Jannar 2025 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1771 ([4]).

(3) L-Istati Membri pprovdew riżultati li indikaw li għall-varjetajiet tar-ravanell b'weraq żgħir (*Raphanus sativus* var. *radicula*) l-aktar prattiki agrikoli tajbin simili kienu dawk li jintużaw għall-aruka, li tappartjeni għall-istess familja botanika (*Brassicaceae*) u li għandha similaritajiet morfoloġiċi, filwaqt li għal dawk il-varjetajiet b'weraq kbir (*Raphanus sativus* var. *longipinnatus* u *Raphanus sativus var. niger*) l-aktar prattiki agrikoli tajbin simili kienu dawk li jintużaw għall-kaboċċi ("kales").

(4) Għalhekk jixraq li fl-Anness I, il-Parti B, tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġu inklużi żewġ entrati separati għall-weraq tar-ravanell billi tiddaħħal entrata ġdida għall-"weraq tar-ravanell żgħir" li għalih għandhom japplikaw l-istess MRLs li japplikaw għall-"aruka" fil-Parti A ta' dak l-Anness, u li l-entrata eżistenti fl-Anness I, il-Parti B, tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tiġi modifikata minn "weraq tar-ravanell" għal "weraq tar-ravanell kbir" li għalih għandhom japplikaw l-istess MRLs li japplikaw għall-"kaboċċi ('kales')" fil-Parti A ta' dak l-Anness. Jenħtieġ li dawk l-entrati jkunu jinkludu wkoll l-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċijiet u tal-varjetajiet li għalihom jappartjenu l-prodotti.

(5) Peress li issa d-*data* meħtieġa ġiet ipprovduta mill-Istati Membri, jenħtieġ li n-nota f'qiegħ il-paġna dwar il-perjodu tranżitorju għall-weraq tar-ravanell titħassar mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat kif xieraq.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/62 tas-17 ta' Jannar 2018 li jibdel l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 18, 23.1.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/62/oj).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1049 tal-25 ta' Lulju 2018 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 189, 26.7.2018, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1049/oj).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1771 tas-7 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-weraq tar-ravanell (ĠU L 356, 8.10.2021, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1771/oj).

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness I, il-Parti B, tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata (0243020-008) għall-"weraq tar-ravanell" hija sostitwita b'dan li ġej:

"0243020	Kaboċċi ("kales")		0243020-001	Borecoles/collards greens/ kaboċċa mberfla	*Brassica oleracea* var. *viridis*
			0243020-002	Kaboċċa medullosa	*Brassica oleracea* var. *acephala* subvar. *medullosa*
			0243020-003	Kaboċċa longata	*Brassica oleracea* var. *longata*
			0243020-004	Weraq tal-ġdur	*Brassica oleracea* var. *gongylodes*
			0243020-005	Kaboċċa liftija	*Brassica napus* var. *pabularia*
			0243020-006	Kaboċċa Portugiża	*Brassica oleracea* convar. *costata*
			0243020-007	Kaboċċa tat-Toskana	*Brassica oleracea* var. *palmifolia*
			0243020-008	Weraq tar-ravanell **kbir**	***Raphanus sativus* var. *longipinnatus* u var. *niger*"**

(2) l-entrata l-ġdida li ġejja għall-"weraq tar-ravanell żgħir" (0251060-002) tiddaħħal wara "ġarġir isfar" (0251060-001):

"0251060	Aruka		0251060-001	Ġarġir isfar	*Diplotaxis tenuifolia*
			0251060-002	**Weraq tar-ravanell żgħir**	***Raphanus sativus* var. *radicula*"**

(3) in-nota f'qiegħ il-paġna (3) titħassar.